# PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT

Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net
Website : www.sannatparish.com

**IL-ĦADD, 6.3.11: ID-DISA' ĦADD MATULIS-SENA.**

**IT-TNEJN, 7.3.11: L-Ewwel Tnejn tax-Xahar**

F'nofs inhar ikun hemm il-quddiesa fiċ-Ċimiterju.

**L-ERBGĦA, 9.3.11: L-ERBGĦA TAR-RMIED U BIDU TAR-RANDAN IMQADDES.**

***Illum hemm l-obbligu tas-sawm għal dawk ta' bejn it-18 u 59 sena u l-Astinenza għal dawk 'l fuq minn 14-il sena.***

Illum waqt il-quddies jitqiegħed l-irmied fuq rasna bħala bidu taż-żmien tal-penitenza.

Matul ir-Randan kuljum ikun hawn il-Via Sagra fil-knisja fil-5.30p.m.

**IL-ĦAMIS, 10.3.11: Fit-7.45a.m.** nerġgħu nibdew id-Duttrina għat-tfal li jattendu filgħodu.

Tkun fil-post tal-Museum.

**LAQGĦA GĦALL-ĠENITURI**

**FIS-7.00p.m.** se ssir laqgħa għall-ġenituri kollha speċjalment dawk li għandhom uliedhom jattendu fil-Museum.

Din se tkun fil-post tal-Museum.

**IL-ĠIMGĦA, 11..3.11: PELLEGRINAĠĠ PENITEN-ZJALI DJOĊESAN.**

Fl-okkażjoni tal-bidu tar-Randan se jigi organizzat Pellegrinaġġ Penitenzjali li din is-sena se jkun għall-parroċċa ta' Kerċem.

Fis-6.00p.m. tibda mixja penitenzjali, ikun hemm t-Talba tal-Għasar, Qrar u Tqarbin.

Ix-xarabank mill-parroċċa titlaq fis**-5.45p.m.**

**IS-SIBT, 12.3.11: KORS GĦALL-GĦARAJJES**

**Fit-7.45p.m.**issir l-laqgħa mill-kors ta' tħejjija għaż-żwieġ U l-ħajja tal-familja. Tkun fid-Dar Parrokkjali.

**IL-ĦADD, 13.3.11: L-EWWEL ĦADD TAR-RANDAN.**

Il-ġabra li ssir llum fil-knisja se tkun għar-restawri li bħalissa qed nagħmlu fid-dar parrokkjali. Napprezza lkull ftit għajnuna li tagħtu.

## MISSJONI FIŻ-ŻONA

Bil-għajnuna ta' Alla temmejna il-Missjoni fiż-żona ta' Main u Gerxija. Nixtieq mill-qalb nirringrazzja lill-familji kollha taż-żona għall-koperazzjoni sħiħa li sibna minn għandhom. Nirringrazzja wkoll lill-'ħelpers' (street leaders) li għamlu ħafna xogħol importanti u fil-ħin. U nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor għenu fl-organizzazzjoni u anke it-twettiq tal-programm.

Intwera ħafna sens ta' komunita' li taħdem flimkien. Grazzi.

L-Arċipriet

**L-Astinenza:**

L-Astinenza għandha tiġi mħarsa billi wieħed jagħmel waħda jew iktar minn dawn:

Ma tiekolx laħam
Ma tieħux xorb alkoholiku;
Ma' tpejjipx; .
Tiċċaħħad minn xi divertiment.
Tieħu sehem fil-quddiesa jew tagħmel il-Via Sagra.
Titlob mal-familja (tgħid ir-rużarju ecc.)
Taqra xi silta mill-Iskrittura Mqaddsa
Trażżan l-infieq u tagħti karita'
Iżżur il-morda jew l-anzjani.